**Laqgha Numru 32/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tnejn u Tletin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.45pm)**, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Fuq talba tal-Kunsill, ghal-laqgha kienet prezenti wkoll l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante. Ghal xi hin ghal-laqgha kien hemm ukoll il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-29 ta' Novembru 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 30/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 30/K6/2012.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Budget ghas-sena finanzjarja 2013.**

**10. Business Plan ghas-snin 2013 – 2015.**

**11. Performance Bonus ta' l-impjegati.**

**12. Kwotazzjonijiet u tenders.**

**13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**14. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 30/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 30/K6/2012 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 30/K6/2012.

**46/3872/12/I** 17/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bis-sentenza ta' l-Appell 65/2006/15 – Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.01, ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 2.09 u ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.02 u ghall-korrispondenza numru **46/3872/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill, wara li jircievi d-dokument ta' l-offerti emendat mill-Perit, u wara li jigi approvat mill-Kunsill, johrog sejha gdida ghall-embellishment taz-zewg gonna Madre Teresa ta' Kalkutta u l-4 ta' Lulju, inkluz li fejn ghad hemm apparat li skond il-Gvern huwa kkundannat, dan jigi nkluz fit-tender biex jitnehha mmedjatament kif ukoll li ghandhom jigu nfurmata r-residenti permezz ta' cirkulari ta' dan il-process kollu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sa fl-ahhar il-Perit tal-Kunsill baghat BOQ tax-xoghol li hemm bzonn, liema BOQ qed terga' tigi riveduta mill-Perit stess minhabba xi diskrepanzi li hemm. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li ghas-seduta li saret nhar il-Gimgha 16 ta' Novembru kien xehed huwa fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit u l-Avukat tal-Kunsill L. Busuttil kif ukoll li s-sentenza tal-Qorti giet trattata nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru 2012 u s-sentenza finali ghandha tinghata fil-bidu tas-sena 2013.

**46/4581/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal tiswija ta' Graffiato mal-Bini tal-Kunsill ghall-prezz ta' €594.00.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.03, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 6.08 u ghall-korrispondenza numru **46/4581/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrimarka li dan il-prezz huwa wiehed esagerat ghall-persuna li hija pensjonanta u ghalhekk kien ippropona l'issir kwadrant tal-metal li jehel fl-art u jitla' mal-koxxa u b'hekk tkun ta' protezzjoni ghal quddiem, inkluz ukoll li kien informa lill-Kunsill li kien ser jivverifika biex jigbor stima tal-materjal li hemm bzonn, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Marsa hemm stabbiliment li jipprovdi sheets ta' li stainless steel u ghalhekk ser jipprovdi l-informazzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv biex tingieb stima minn ghandu li wara tkun trid tintlewa biex titwahhal mal-kantuniera, is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-materjal irid ikun tat-tip 316, 2 mm hxuna, wiesa' 60 cm u 1.2mtr twila u tista' tintalab kwotazzjoni minghand Camillieri Stainless Steel Products ta' Marsa Wharf.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.03, ghall-Minuti 27/K6/2012 item 9.17 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li b'riferenza ghall-kwotazzjoni **08/2012 - Organising of Zumba course**, fejn il-Bord unanimament kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li tintghazel l-offerta ta' **Ms. Nathalie Camilleri** abbazi li l-offerta taghha hija l-aktar wahda vantagguza u li dan il-kors ghandu jibda f'Ottubru bil-premessa li jsir fis-sala ta' l-iskola Primarja tal-Gvern, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li regghet intbaghet email lill-iskola Primarja biex jikkonfermaw lill-Kunsill bil-hinijiet u granet ta' meta tista' tintuza s-sala ta' l-iskola

fejn ir-risposta kienet li din jidher li tista' tintuza nhar ta' Gimgha filghaxija ghall-prezz ta' €35.00 is-siegha (46/7540/12/I), ghalkemm wara ftit l-Kunsill ircieva telefonata minghand is-sur Mangani fejn informa lill-Kunsill li ghad irid jivverifika dwar dan, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dawn isiru fis-sala tal-Kunsill u l'issir laqgha ma' Ms. Camilleri dwar jekk dan huwiex possibbli.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

***2.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.45pm.***

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.05 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jekk tal-Power Yoga World tinsisti mal-Kunsill li ma tistax taghmel dawn il-lezzjonijiet f'Pembroke, allura l-Kunsill ghandu jaghzel lil xi hadd iehor, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sinjura lesta li taghmel dawn il-korsijiet fil-lokal.

2.08. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dawn isiru fis-sala tal-Kunsill u l'issir laqgha mal-persuna koncernata dwar jekk dan jistax isir.

2.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.09 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li dawn il-laqghat ghandhom isiru fis-sala tal-Knisja wara l-Quddiesa tas-6.00pm u ghalhekk ghandu jsir komunikat mal-Knisja dwar dan biex tkun tista' tinkera s-sala, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kappillan informa lill-Kunsill li kien qed jintalab hlas ta' €100.00.

2.12. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din l-istima u dawn il-laqghat ghandhom isiru f'Jannar 2013 u li wara kull laqgha l-Kunsill jipprovdi te, kafe u pastizzi.

2.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/5722/12/I**<br>01/08/2012 | Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' email rigward Disability Awareness fun day for Local Councils minghand Inspire fejn qed joffru gurnata ta' divertiment ghall-persuni b'dizabilita' gewwa l-bini taghhom. |

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.12, ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.20 u ghall-korrispondenza numru **46/5722/12/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsir flyer li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal, kif ukoll fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien ipprezenta draft lill-Kunsill u talab konferma ghad-data meta hemm il-hsieb l'issir din l-inizjattiva filwaqt li talab lill-Kunsillier Joe Brincat biex jinforma lill-Kunsill biex jaghti data meta ser issir din l-attivita', il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li din l-attivita' ssir fit-tieni gimgha ta' Jannar 2013.

2.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.18. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.13 u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.58 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jiftah kont bankarju mal-Bank BOV u dan sabiex jiffacilita' l-hlasijiet lill-membri tal-Kunsill li

ghandhom servizzi ma' dan il-Bank biex il-pagamenti relatati jsiru permezz ta' Direct transfer fil-kontijiet bankarji taghhom jew b'cekkijiet, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kont ser jinfetah fil-jiem li gejja minhabba li sal-gimgha li ghaddiet kien ghadu qed jistenna dokument iffirmat minghand il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.19. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.18, u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza zjara Edukattiva li tinkludi zjara Xorb l-Ghagin / Tas-Silg, inkluz li kienet indikat li dettalji jithabbru aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu m'ghandux id-dettalji ta' din l-attivita' kif kienet indikat il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.20. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.19 u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.07 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill ghandu jorganizza esebizzjoni ta' crafts ta' l-injam, inkluz li kienet indikat li dettalji jithabbru aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu m'ghandux id-dettalji ta' din l-attivita' kif kienet indikat il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.21. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.20 u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.10 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona biex fl-ahhar tax-xahar ta' Ottubru jinzerghu aktar sigar taz-zebbug flok dawk li mietu fl-istess post fil-gnien ta' St. Patricks u ohrajn skond il-parir li jista' jinghata l-Kunsill minghand is-sur Charles Mifsud (li joffri s-servizz tal-Bulky Refuse) li l-Kunsill jaf li huwa bidwi u gardinar ukoll, il-Kunsillier Joe Brincat ippropona l'issa li sar ix-xoghol tat-twittija tal-hamrija, dan jista' jsir mill-aktar fiss possibbli mill-kuntrattur li ghazel il-Kunsill ghall-kuntratt tal-gonna u dawn ghandhom ikunu minn numru ta' sigar li offra l-kuntrattur mat-tender.

2.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.24. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.28 u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.49 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien ser jikkomunika mal-persuni koncernata biex tigi solvuta l-problema li hemm fi Triq Dun Amabile Sisner fejn hemm numru ta' djar li ghandhom ir-rampi tal-hadid kollha msadda u perikoluza apparti li hemm minnhom li huma l-barra, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien gibed l-attenzjoni ta' dawn il-persuni biex jiehdu hsieb u jinzammu responsabbli. Il-kelliem qal ukoll li fil-jiem li gejja ser tintbaghtilhom ittra ufficjali mill-Kunsill.

2.25. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 7.39 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar il-hlas ta' skips li kienu nieqsa, Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'komunikat li kellu ma' l-Avukat jirrizulta li l-Kunsill huwa obbligat li jhallas l-ammont li hemm fil-kuntratt originali u mhux ghal skips zejda jekk kemm il-darba dawn ikunu nieqsa. Il-kelliem qal li fil-fatt il-kuntrattur gie nfurmat b'dan permezz t'ittra riferenza 46/8182/46/O u t-tnaqqis se jkun rifless fil-kont li jmiss tal-kuntrattur.

**46/7158/12/I**
08/10/2012

Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar Triq Gioacchino Le Brun infurmaw lill-Kunsill li TM ma jsibux oggezzjoni li t-triq tigi two way ghall-perjodu ta' sena, basta jsiru t-

tabelli u l-marki ta' traffiku necessarji.

2.26. B'riferenza ghall-Minuti 30/K6/2012 item 7.60 u ghall-korrispondenza numru **46/7158/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaccetta l-proposta ta' TM u ghalhekk ghandu jsir ix-xoghol propost, dan ser isir fil-jiem li gejja.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 92b/2012** b'rapport dwar il-Progett MedStrategy **(Ara Dok. B); Internal Memo 100/2012** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-kwotazzjonijiet 30/2011 u tender 01/2012 **(Ara Dok. C); Internal Memo 101/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Kap tal-Verdala International School **(Ara Dok. D); Internal Memo 102/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Bank Manager tal-BOV **(Ara Dok. E); Internal Memo 103/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-kumpanija Key Training **(Ara Dok. F); Internal Memo 104/2012** b'rapport tal-kwotazzjonijiet ghall-biljetti ta' l-ajru tal-konferenza MedStrategy (Patti) **(Ara Dok. G); Internal Memo 105/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 30/K6/2012 u 31/K6/2012 **(Ara Dok. H); Internal Memo 106/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 30/K6/2012 u 31/K6/2012 **(Ara Dok. I)** u **Internal Memo 107/2012** b'rapport tal-Konferenza ta' l-OSDDT li saret f'Heraklion, Kreta. **(Ara Dok. J)**

3.02. B'riferenza ghall-Memo 92b/2012, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika l-istruzzjonijiet l'inghataw lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jigi ordnat ix-xoghol relatat mal-Progett MedStrategy permezz ta' Direct Orders.

3.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. B'riferenza ghall-Memo 101/2012, ghal-liema laqgha kienu prezenti ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, il-Kap il-gdid ta' l-iskola informa lill-Kunsill li bhala Skola kienu accettaw li jhallsu nofs l-ispiza biex isir il-pedestrian crossing. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsill gie nfurmat li huma ma jsibux oggezzjoni biex jaghtu permess biex il-pole tal-GO li hemm fi Triq Giorgio Mitrovich jiccaqlaq mit-triq u jitwahhal fil-parti ta' l-iskola u b'hekk il-Kunsill jerga' jirbah lura l-parking bay. Ghalhekk minhabba ir-responsabilita' l'issa hemm fuq il-Kunsill biex isir il-crossing, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jigi ordnat ix-xoghol lill-kuntrattur tad-dawl Mica Med. Ltd. fejn nofs l-ispiza titallas mill-iskola u nofs mill-iskola.

3.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 4.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li huwa kien attenda ghall-inawgurazzjoni tal-binja tal-Pembroke Scouts, liema xoghol maggur ta' kostruzzjoni sar mill-Ministeru ta' l-Onor. George Pullicino.

4.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat id-dispjacir taghha li ma sabux post ghall-membri tal-Kunsill u ma kienux mistiedna u ghalhekk ipproponiet li tinkiteb ittra mill-Kunsill. Il-kelliema rrimarkat li b'rispett lejn il-membri tal-Kunsill is-Sindku missu m'attendiex.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda li tintbghat l-ittra kif proponiet il-Kunsillier Vella Brincat ghalkemm irrimarka li huwa ma jaqbilx mal-kumment li huwa bhala Sindku missu ma attendiex.

4.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien attenda ghall-konferenza tal-European Eneregy Awards u li bi pjacir jinforma li l-Kunsill ta' Pembroke li rebah il-premju prestigjuz European Energy Award. Il-kelliem irrimarka li dan l-award intrebah ghax parti mill-evalwazzjoni kienet minhabba li bil-partecipazzjoni tar-residenti taghna l'ippartecipaw b'dak li ghandu x'jaqsam ma separazzjoni ta' skart. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex issir cirkulari fuq dan il-punt u titqassam lir-residenti. Il-kelliem ippropona wkoll li jigi ordnat frame ghal dan ic-certifikat u certifikati ohra li rcieva l-Kunsill matul is-sena li ghaddiet.

4.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni mill-MIEMA jirrizulta li Pembroke kiseb l-akbar puntegg minn fost l-Audits kollha li saru din is-sena.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien attenda ghal-laqgha tas-Sindki imsejha mill-AKL rigward ir-rotot ta' l-Arriva u huwa ressaq ghall-attenzjoni ta' dawk prezenti l-proposti tal-Kunsill biex ir-rotta issir minn Triq Gabriele Henin kif ukoll li jsir servizz li jilhaq lir-residenti ta' San Patrizju.

4.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien attenda l-konferenza mtella' mill-MEUSAC rigward esperjenzi ta' progetti ta' l-EU li saret gewwa il-lukanda Meridien.

4.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghal-laqgha li l-Kunsill kellu mad-dirigenti ta' Topline Mega Store kif ukoll mas-sur Dino Bonnici mill-Ministeru ghall-Kompetizzjoni Gusta u l-Intraprizi Zghar (Riferenza Internal Memo 95/2012) fejn talab direzzjoni minghand il-Kunsill.

4.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex parti minn Triq Arnhem issir timed parking bejn Triq Sant'Andrija u fejn jispicca l-parkegg ta' Luxol Sports Club.

4.14. Hadd m'issekonda il-proposta tal-Kunsillier Vella Brincat u ghalhekk il-mozzjoni ma setghetx tigi diskussa.

4.15. Hawn saru kummenti mis-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat fejn irrimarkaw li jekk din it-talba kellha tintlaqa' din setghet taffetwa hazin lill-persuni li jiffrekwentaw il-facilitajiet sportivi tal-Luxol Sports Club specjalment fil-hin ta' tard wara nofsinhar u nhar ta' Sibt filghodu. Il-kelliema rrimarkaw li din kienet raguni valida ghax ma jaqblux ghat-time parking minhabba li l-parkegg tal-luxol jintuza ukoll mil-klienti tat-Topline.

4.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 9 u 10 jigu diskussa qabel item 5.

4.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.18. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

4.19. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 09. Budget ghas-sena finanzjarja 2013.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega lill-Kunsill l-Estimi proposti ghas-sena 2013. **(Ara Dok. K)**

9.02. Wara l-intervent ta' Ms. Perici Ferrante, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-Estimi ghas-Sena 2013 fil-format ta' draft biex dan jitressaq ghal-Laqgha Pubblika nkluz ukoll fid-dawl li l-Kunsill ghad mhux infurmat b'kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2013. Il-kelliem irrimarka li l-aggustamenti tal-Budget dejjem jistghu isiru wara li l-Kunsill jircievi verament il-fondi allokati lill-Kunsill.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat stqarret li hija ta' l-opinjoni li l-Kunsill ghandu jistenna l-ezitu tal-Budget Nazzjonali qabel japprova l-Budget tal-Kunsill ghas-sena 2013.

9.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta ser issir il-laqgha pubblika annwali kif elenkat fl-Att.

9.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li din il-laqgha ghandha ssir matul Jannar 2013 u dan sabiex il-Kunsill ikun jaf ezatt l-allokazzjoni minghand il-Gvern u jkunu jistghu jkunu prezenti l-kandidati ta' l-Elezzjoni tal-Kunsill li jmiss, dan kif dejjem kienet il-prassi meta elezzjoni ghall-Kunsill gdid tkun fil-qrib.

9.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.10. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.11. Il-mozzjoni ghaddiet.

9.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk kemm il-darba r-risposta tad-DGL tkun fin-negattiv il-Kunsill ikollu jaghmel laqgha b'urgenza biex jiddeciedi data u hin.

9.13. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk il-Kunsill ma jkollux il-permess tad-Dipartiment biex il-laqgha issir f'Jannar 2013 allura il-laqgha trid issir bil-fors din is-sena, u ghalhekk ippropona li din ghandha ssir il-Hamis 27 ta' Dicembru 2012 fis-6.30pm fis-sala tal-Knisja jew fis-sala tal-Kunsill.

9.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Business Plan ghas-snin 2013 - 2015.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega lill-Kunsill l-Business Plan propost ghas-snin 2013 - 2015. **(Ara Dok. L)**

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li bhall ma jaghmlu fil-Parlament meta jitolbu tnaqqis mis-salarju tal-Ministri is-Sindku ghandu jkollu tnaqqis ta' €1.00 mill-Onoraja ghas-sena 2013.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.04. Wara diskussjoni fuq is-sustanza ta' din il-proposta, il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Sindku Joe Zammit ivvutaw favur u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw kontra.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-Casting Vote u vvota kontra ghax hass li mhux sewwa li s-Sindku gdid isirlu tnaqqis

10.06. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

10.07. Wara l-intervent ta' Ms. Perici Ferrante, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-Business Plan ghas-snin 2013 - 2015 fil-format ta' draft kif emendat waqt id-diskussjoni u dan biex jitressaq ghal-Laqgha Pubblika nkluz ukoll fid-dawl li l-Kunsill ghad mhux infurmat b'kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2013.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

5.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 6 tinqabez u tigi diskussa fl-ahhar tal-laqgha.

5.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konġunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex tinhareg direct order skond il-financial regulations biex isir id-dawl tal-Milied mat-toroq ta' Pembroke bhal ma sar is-sena l-ohra kif ukoll tinhareg direct order ohra biex jitwahhal armar dekorattiv bid-dawl ghal

zmien il-Milied bhal ma sar is-sena l-ohra. L-ordnijiet ghandhom jinhargu lis-Socjeta' Filarmonika Stella Maris izda ninfurmawhom biex isibu lil xi kuntrattur iehor biex jaghmel wahda miz-zewg ordnijiet. Il-kelliem irrimarka li l-ispejjez m'ghandhomx jaqbzu l-ammont minfuq is-sena li ghaddiet b'aktar minn 10 fil-mija.

8.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

8.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ma taqbilx li tinhareg Direct Order minhabba li l-Kunsill seta' haseb qabel.

8.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li din il-proposta kienet fuq l-agenda tal-laqgha tat-28 ta' Novembru u ghalhekk kieku kienet tkun fil-hin, izda din il-laqgha ma saritx kif ukoll hadd mill-Kunsillieri inkluz huwa ma ftakar u ressaq din il-proposta fil-laqghat ta' qabel.

8.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru fis-6.30pm, fis-sala tal-Knisja jew fil-Kunsill, ghandha ssir attivita' ghall-membri tal-Kunsill u staff kif ukoll laqgha ghall-anzjani.

8.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Performance Bonus ta' l-Impjegati.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li wara x-xoghol kbir li sar matul is-sena specjalment xoghol relatat mat-3 progetti ta' l-EU, ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinghata l-Full jigifieri 10% tas-salarju kif ukoll l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandhom jinghataw il-Full jigifieri 6% tas-salarju ghas-sena 2012. Il-kelliem ippropona li dan il-hlas ghandu jsir ma' l-ahhar paga ta' Dicembru.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ghalkemm qed taqbel, is-segretarju u lis-staff ghandu jifhem li ma kienx hemm perfezzjoni fix-xoghol.

11.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-membri tal-Kunsill.

## 12. Decizjoni dwar kwotazzjonijiet u tenders.

12.01. B'riferenza **ghall-Kwotazzjoni 30/2011,** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw 2 litter bins u jitwahhlu 1 hdejn il-Kunsill u iehor hdejn il-Verdala School fi Triq Cassino.

12.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 05/2009 Bulky Refuse** li skada fit-30/11/2012, ghandu jigi estiz sa tmiem l-ewwel xahar tal-Legislatura tal-Kunsill li tinhatar fis-sena 2013 (jigifieri sa l-ahhar ta' April 2013) kif ukoll biex fl-ahhar ta' Frar tinhareg sejha ghall-offerti biex tkun lesta sakemm jiehu decizjoni Kunsill gdid.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 06/2009 Tisqijja tas-sigar** li skada fit-30/11/2012, ghandu jigi estiz sa tmiem l-ewwel xahar tal-Legislatura tal-Kunsill li tinhatar fis-sena 2013 (jigifieri sa l-ahhar ta' April 2013) kif ukoll biex fl-ahhar ta' Frar tinhareg sejha ghall-offerti biex tkun lesta sakemm jiehu decizjoni Kunsill gdid.

12.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 03/2010 Manutenzjoni tal-Marki tat-Traffiku** li skada fit-30/11/12 ghandu jiggedded bil-perjodu ta' sena ohra.

12.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 06/2011 Maintenance, Construction & Reconstruction of Pavements** li jiskadi fil-31/12/2012 ghandu jigi mgedded bil-perjodu ta' sena ohra.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 07/2011 Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads** li jiskadi fil-31/12/2012 ghandu jigi mgedded bil-perjodu ta' sena ohra.

12.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.19. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 09/2011 Manutenzjoni ta' Tabelli tat-Traffiku** li jiskadi fil-31/12/12 ghandu jigi mgedded bil-perjodu ta' sena ohra.

12.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.22. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Tender 11/2011 Contracts Manager** li jiskadi fil-31/12/2012 ghandu jiggedded bil-perjodu ta' sena ohra.

12.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.25. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l**-Polza ta' l-Assigurazzjoni** ghandha tigi mgedda ghas-sena 2013. (46/8521/12/I)

12.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.28. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Servizzi Legali** li skada fit-30/11/2012, ghandu jigi estiz sa tmiem l-ewwel xahar tal-Legislatura tal-Kunsill li tinhatar fis-sena 2013

(jigifieri sa l-ahhar ta' April 2013) kif ukoll biex fl-ahhar ta' Frar tinhareg sejha ghall-offerti biex tkun lesta sakemm jiehu decizjoni Kunsill gdid.

12.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li **Servizzi t'Accountant** li skada fit-30/11/2012, ghandu jigi estiz sa tmiem l-ewwel xahar tal-Legislatura tal-Kunsill li tinhatar fis-sena 2013 (jigifieri sa l-ahhar ta' April 2013) kif ukoll biex fl-ahhar ta' Frar tinhareg sejha ghall-offerti biex tkun lesta sakemm jiehu decizjoni Kunsill gdid.

12.32. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. M, N, O, P, Q, R, S, T, U u V)**

13.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati u bir-rakkomandazzjonijiet tal-CM ghajr tal-J&K Contractors Ltd. li ghad iridu jigu approvati mill-Perit tal-Kunsill, il-kont tal-Mica Med li ghad irid jigi ccertifikat.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Materji ohra.

14.01. **Il-Kunsillier Joe Brincat** ippropona biex il-Kunsill jigbor stimi ghal xoghol ta' tiswija u/jew irrangar tal-bieba tal-giebja f'San Patrizju.

14.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.04. **Is-Sindku Joe Zammit** ippropona biex tinghata platform tal-konkos tas-sit li hemm fi Triq Normandy faccata ta' Sit F fejn fil-passat kien hemm propost li jsir Bus Shelter minn TM, liema Bus Shelter qatt ma sar.

14.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.07. **Is-Sindku Joe Zammit** ippropona li jsir tisbih tar-roundabout skond id-disinn ipprezentat minnu. **(Ara Dok. W)**

14.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li d-disinn ghandu jinghata lill-Perit tal-Kunsill sabiex isir b'mod professjonali.

14.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10. **Is-Sindku Joe Zammit** ippropona biex isir patching wara Blk 7 Triq Patri Serafin Zarb kif ukoll jigi rrangat il-hajt li nqala' fid-dahla tal-Kunsill fejn poggew il-kaxxa tad-dawl.

14.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.13. **Is-Sindku Joe Zammit** ippropona li jigu nstallata 2 lampi tad-dawl ma' Blk 6 Triq Dun Guzepp Farrugia biex ikun hemm dawl ahjar specjalment b'risq il-persuna li hemm b'dizabilita'.

14.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li d-dawl ta' Triq Adeodata Pisani ghandhom isiru kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-ahhar tas-sena. **(Ara Dok. X)**

14.17. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li jekk m'hemmx fondi bizzejjed ghal dawn il-lampi u l-lampi precedenti, ghandhom jintuzaw fondi mill-fond tat-toroq. Il-kelliem qal li wara kollox jirrizulta li x-xoghol permezz tal-PPP fuq Triq Gabriele Henin, m'huwiex ser isir din is-sena. Il-kelliem zied li r-residenti koncernata ghandhom jigu nfurmati b'dan.

14.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.19. **Is-Sindku Joe Zammit** ippropona l'issir il-kaxxa safra ta' No Stopping quddiem l-entratura tas-Sit A1 sa A4 fi Triq Pietru D'Armenia (46/6624/12/I u 46/6638/12/I).

14.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-korrispondenza 46/8494/12/I fejn ipproponiet li s-sena li gejja 2013, minflok it-tornament tal-futbol tad-19 ta' Marzu li l-Kunsill ilu jorganizza ghal dawn l-ahhar snin bl-ghajnuna ta' Pembroke Athleta, din id-darba l-Kunsill jitlob il-koperazzjoni ta' Pembroke Athleta u jorganizza l-istess tornament f'April izda fuq bazi internazzjonali. Il-kelliema ipproponiet ukoll li l-Kunsill jalloka s-somma ta' €2,000 ghal dan il-ghan.

14.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.25. **Il-Kunsillier Joe Brincat** ippropona biex isir patching fi Triq Adelaide Cini, Triq Alamein, Triq Suffolk, Triq Salvatore Castaldi, Triq Tobruk, Triq Dun Guzepp Farrugia, Triq li taghti ghar-Reverse Osmosis, Triq il-Fortizza, Triq il-Kurunell Cocks, Triq Juno, Triq li taghti ghal Pembroke Athleta, inkluz toroq ohra fejn hemm bzonn u/jew fejn jindikaw il-Kunsillieri.

14.26. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.28. **Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat** ipproponiet li jsiru 2 U Bars fi Triq Alamein minhabba s-sigurta' lill-genituri li jigu l-iskola.

14.29. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex il-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Anthony Portelli f'isem l-Ghaqda Anzjani Pembroke.

14.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

***14.34. Il-laqgha giet sospiza fis-7.55pm.***

***14.35. Il-laqgha tkompliet fit-8.00pm.***

14.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irringrazzjat lill-librara Lara Calleja ta' l-attivita' li saret bhala open day tal-librerija.

***14.37. Fit-8.00pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

14.38. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ser tinkiteb ittra lill-MEPA dwar il-problema ta' katusi li hemm fi Triq Gio Felice Inglott, liema katusi tax-xita jinsabu ghola mill-livell tal-bankina.

14.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza Tnedija ta' Ktieb t'Awtur lokali, attivita' ta' Open day bl-ghajnuna ta' AAA kif ukoll talbet li l-Kunsill jikseb informazzjoni dwar jekk hemmx xi ligijiet li jimpedixxu li l-klieb jistghu jaghmlu l-bzonnijiet taghhom fuq il-hamrija pubblika.

14.40. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.42. Il-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li l-kanal li kien ghamel il-kuntrattur tal-Kunsill fil-picnic area rega' mtela bil-hamrija u rega' hemm il-problema fejn resident qed jispicca jidhollu l-ilma.

14.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tintalab stima lill-Perit sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema bil-possibilita' li jinbena hajt.

14.44. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.46. Il-Kunsillier Joe Brincat talab li jsir komunikat mal-Korporazzjoni Enemalta biex jigi rrangat ghatu tas-shade ta' lampa fi Triq San Patrizju hdejn Blokk 1 l'iggarraf bil-maltemp.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-25 ta' Ottubru u l-10 ta' Dicembru 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/7179/12/I**
08/10/2012
Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar il-parkegg bl-addocc fi Triq Patri Indri Vella nformaw lill-Kunsill li TM ma ssibx oggezzjoni li jsiru double yellow lines f'kull naha tal-garaxx.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7179/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir dak accettat minn TM.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7239/12/I**
11/10/2012
Email minghand il-Contracts Manager jirrakkomanda li l-Kunsill jaghmel laqgha mal-kuntrattur Absolute Cleaners dwar ix-xoghol li qed jaghmel jew li suppost qed jaghmel.

**46/7474/12/I** 22/10/2012 — Email minghand is-sur Bajona joggezzjona ghal Default Notice dwar iz-zbir ta' sigra hdejn Juno Flats fejn qed jallega li l-CM ukoll ma jafx fejn hija din is-sigra.

**46/7596/12/I** 26/10/2012 — Email minghand Raphael Carabott fejn baghat kopja ta' l-email li baghat lill-Kuntrattur Absolute Cleaners dwar it-trattament tal-palm minhabba li sa fejn jaf hu qatt ma sar xejn u talab konferma.

**46/7641/12/I** 29/10/2012 — Email minghand il-Plant Health Directorate fejn baghtu reminder sabiex il-Kunsill jibghat l-informazzjoni mitluba dwar il-bexx tal-palm sal-Gimgha 30 ta' Novembru 2012.

**46/7653/12/I** 30/10/2012 — Email minghand Raphael Carabott fejn informa lill-Kunsill li sa fejn jaf hu, il-kuntrattur ta' Absolute Cleaners matul din is-sena bexx il-palm kontra l-bumunqar.

**46/7871/12/I** 06/11/2012 — Email minghand Mr. Mario Mifsud fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-email li baghat izda nforma lill-Kunsill li s'issa ghadu ma sar l-ebda knis fil-pjazzetta ta' quddiem Blk 7 u l-madwar.

**46/7886/12/O** 06/11/2012 — Email li l-Kunsill baghat lill-Contracts Manager fejn talab il-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tieghu abbazi l-obbligi kontrattwali li hemm indikat fil-kuntratt tal-kumpanija Absolute Cleaners minhabba l-ilmenti li qed jircievi l-Kunsill ta' kuljum.

**46/7902/12/I** 06/11/2012 — Email minghand il-Contracts Manager fejn talab biex issir laqgha mal-kuntrattur sabiex jaghti spjegazzjoni dwar il-pjan ta' xoghol tieghu.

**46/8163/12/I** 20/11/2012 — Email minghand il-Contracts Manager fejn baghat ic-certifikazzjoni ta' l-invoice tal-kuntrattur Absolute ghax-xahar ta' Ottubru flimkien mar-rapport.

**46/8247/12/I** 22/11/2012 — Email minghand il-Contracts Manager fejn b'riferenza ghall-invoice ta' l-Absolute nforma lill-Kunsill li huwa kemm il-darba avza lill-Kunsill li l-kuntarttur mhux kompatibbli ghal dan ix-xoghol u talab biex l-ittra tieghu tinqara waqt laqgha tal-Kunsill.

**46/8230/12/O** 22/11/2012 — Email li l-Kunsill baghat lill-Contracts Manager fejn b'riferenza ghar-rapport ta' l-Absolute ghax-xahar ta' Ottubru il-Kunsill infurmah illi ma jaqbilx mar-rapport tieghu minhabba diversi punti.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7239/12/I, 46/7474/12/I, 46/7596/12/I, 46/7641/12/I, 46/7653/12/I, 46/7871/12/I, 46/7886/12/O, 46/7902/12/I, 46/8163/12/I, 46/8247/12/I u 46/8230/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir laqgha mal-Kuntrattur rigward dawn in-nuqqasijiet liema laqgha ghandha ssir f'hin li kulhadd jista' jattendi.

6.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.07. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.08. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.09. Is-Segretarju Eekuttiv Kevin Borg irrimarka li huwa kien irrakkomanda l'issir din il-laqgha xhur ilu, proposta li sfortunatament dak iz-zmien ma gietx milqugha mill-Kunsill.

**46/7267/12/I** 12/10/2012 — Email minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke joffru l-ghajnuna lill-Kunsill

biex jigi organizzat Coffee Morning nhar it-Tlieta 9 ta’ Novembru 2012.

**46/7353/12/I** 16/10/2012 Kwotazzjoni minghand l-amministratturi ta’ Buskett Roadhouse ghall-attivita’ ta’ Coffee Morning ghall-prezz ta’ €4.00 il-persuna.

**46/7367/12/I** 16/10/2012 MFA qed tilqa’ fil-premises taghha tours ghall-gruppi fejn wara hemm inkuz ukoll waqfa ghall-coffee break u dan ghall-prezz ta’ €5.00 il-persuna, eskluz il-VAT.

**46/7443/12/I** 19/10/2012 Kwotazzjoni minghand Ivision is-sur Anthony Mizzi ghal wiri ta' film bl-isem l-Imhabba fuq il-Gholja + coffee morning ghall-prezz ta' €6.95 l-anzjani u €7.80 adulti.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7267/12/I, 46/7353/12/I, 46/7367/12/I u 46/7443/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita’ nhar l-10 ta’ Jannar 2013 fil-Buskett Road House. Il-kelliem irrakkomanda wkoll li l-flyer ta’ l-attivita’ ghandhom jitqasmu wara l-festi.

6.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7268/12/I** 12/10/2012 Kwotazzjoni minghand Vjaggi Untours ghal zewg biljetti ta’ l-ajru konnessa mal-progett Medstrategy ghall-prezz ta’ €480.00 il-wiehed.

**46/7269/12/I** 12/10/2012 Kwotazzjoni minghand Alpine Travel ghal zewg biljetti ta’ l-ajru konnessa mal-progett Medstrategy ghall-prezz ta’ €428.75 il-wiehed.

**46/7273/12/I** 12/10/2012 Kwotazzjoni minghand Brittania Services Ltd. ghal zewg biljetti ta’ l-ajru konnessa mal-progett Medstrategy ghall-prezz ta’ €482.00 il-wiehed.

**46/7921/12/I** 07/11/2012 Kwotazzjoni minghand Hamilton Travel ghal zewg biljetti ta’ l-ajru konnessa mal-progett Medstrategy ghall-prezz ta’ €425.00 il-wiehed.

**46/7576/12/I** 25/10/2012 Ittra minghand Alfred Mazzitelli fejn b'riferenza ghall-ahhar laqgha tal-Medstrategy informa lill-Kunsill li minhabba mpenji tax-xoghol ma jistax jattendi u qed jippropni biex imur minfloku l-Kunsillier Joe Brincat.

**46/7623/12/O** 27/10/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-Medstrategy rigward il-prezentazzjoni li ser issir gewwa Patti, Sqallija.

**46/7737/12/I** 01/11/2012 Stima minghand is-sur Alberto Nuozzi li offra s-servizzi tieghu ta’ konsulenza fuq progetti ta’ l-EU.

6.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7268/12/I, 46/7269/12/I, 46/7273/12/I, 46/7921/12/I, 46/7576/12/I, 46/7623/12/O u 46/7737/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jirratifika d-decizjoni li l-biljetti tal-Medstrategy inqatghu minghand Hamilton Travel billi l-offerta taghhom kienet l-aktar vantagguza kif ukoll li l-Kunsill japprova li jinxtara s-servizz tas-sur A. Nuozzi bhala konsulent u li l-hlas li sar ma qabizx l-ammont mitlub. Il-kelliem fakkar li l-membri kollha tal-Kunsill kienu diga taw l-approvazzjoni taghhom qabel u qablu ma’ dan.

6.14. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/7319/12/I** 15/10/2012 Petizzjoni minghand residenti li joqghodu Blokk A2 Triq Pietru D’Armenia

fejn qed jitolbu laqgha mal-Kunsill biex jiddiskutu xi problemi li ghandhom.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7319/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel din il-laqgha mar-residenti koncernata f'Jannar li gej.

6.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7236/12/I** 15/10/2012 Email minghand GO jitolbu l-permess tal-Kunsill biex bejn il-31 ta' Ottubru u l-4 ta' Novembru jipparkjaw trakk fil-parkegg ta' hdejn il-Pembroke Park inkluz li jpoggu Bouncing Castle.

**46/7742/12/I** 01/11/2012 Email minghand Pembroke Athleta fejn baghtu pjanta fejn hemm indikat is-sit li huwa propjeta' taghhom.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7236/12/I u 46/7742/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7352/12/I** 16/10/2012 Talba minghand l-Iskola Primarja Pembroke biex tigi provduta open skip biex tintuza waqt iz-zbir li qed jaghmlu.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7352/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill prezentamnet ma jistax jilqa' din it-talba.

6.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7354/12/I** 16/10/2012 Email minghand is-sur Adrian E. Camilleri jissuggerixxi lill-Kunsill biex isiru tabelli u/jew xi haga ohra biex ikun ristrett l-access ghall-vetturi fis-sit li hemm bejn l-Ex Parade Ground u Triq Sant'Andrija.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7354/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba ma tistax tigi milqugha minhabba li diga hemm affarijiet ohra fuq il-post.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7399/12/I** 18/10/2012 Ittra minghand Blues Ltd. fejn baghtu katalogu ta' ghamara u tabelli ta' toroq li joffru fosthom locality maps.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7399/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7414/12/I** 18/10/2012 Kwotazzjoni minghand J&K Contractors Ltd. ghall-livellar ta' terrapien, u provvista u tifrix ta' hamrija fis-sit li hemm bejn il-parkegg ta' l-ITS u Triq Pietru D'Armenia ghall-prezz ta' €2,460. Din il-kwotazzjoni ngabret f'isem il-Kunsill taz-Zghazagh Pembroke.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7414/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol jigi approvat ladarba dan huwa parti mill-progett tal-Kunsill taz-Zghazagh.

6.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7415/12/I** 18/10/2012 Email minghand TM il-Perit David Vassallo fejn informa l-Kunsill li TM qed tippjana li taghmel landscaping fir-roundabout ta' quddiem il-Kunsill b'rabta

mal-progett tal-Park and Ride u qed jibghat il-proposta taghhom ghall-kummenti tal-Kunsill.

6.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7415/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn is-sigar ghandhom jithawwlu f’xi postijiet ohra fil-lokal minhabba li l-Kunsill ghandu pjanijiet ohra ghas-sit kif deciz aktar kmieni fil-laqgha.

6.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7416/12/I** 18/10/2012 Kwotazzjoni minghand is-Sur Albert Micallef ghal open skips ghall-prezz ta' €50 + VAT materjal tal-bini u €65 + VAT materjal imhallat.

6.34. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7416/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni diga mehuda li jigu ordnati 3 open skips.

6.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7423/12/I** 19/10/2012 Email minghand il-kumpanija GO fejn talbu nhallsu renewal ta' €70.80 tal-hosting tal-website tal-Kunsill, liema pagna elettronika kienet tinzamm ghand Liquid Studios.

**46/8042/12/I** 13/11/2012 Email minghand il-GO fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill informa llil-Kunsill li fit-30 ta' Novembru ser jaghlqu s-sistema u talbu nibdew il-proceduri mal-MITA.

6.37. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7423/12/I u 46/8042/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din l-ispiza u li s-sit virtwali tal-Kunsill tkun Hosted minn GO ghall-prezz ta’ €70.80 fis-sena.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7454/102/I** 22/10/2012 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill dwar survey konness mal-PPP, residential parking u t-tender tal-gonna.

**46/8252/12/O** 22/11/2012 Email li l-Kunsill baghat lilll-MEPA fejn talab sabiex jibghatu kwotazzjoni ghal survey fuq Triq Gabriele Henin.

**46/8448/12/I** 22/11/2012 Stima ta’ €1,289.40 minghand il-MEPA ghal survey fi Triq Gabriele Henin.

6.40. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7454/12/I, 46/8252/12/O u 46/8448/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu japprova din l-istima tal-MEPA biex isir dan ix-xoghol halli eventwalment tinhareg it-tender tal-PPP.

6.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7477/12/I** 22/10/2012 Lista ta’ persuni minghand l-ETC konnessa ma’ l-iskema mpjieg persuni bi bzonnijiet specjali.

**46/8156/12/I** 20/11/2012 Numru ta' Cv's ghall-post ta' skrivan/a mal-Kunsill b'riferenza ghall-iskema CIES.

6.43. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7477/12/I u 46/8156/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn l-intervisti ghandhom isiru fil-jiem li gejja u stieden lill-

Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex flimkien mieghu tmexxi l-intervisti. Il-kelliem stieden lill-membri tal-Kunsill biex min jista' jkun prezenti.

6.44. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7560/12/I** 25/10/2012 Email minghand Lara Calleja fejn b'riferenza ghal Jum Nazzjonali ta' Librerija talbet biex tiftah il-librerija nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru flok il-Hamis bejn is-6.00pm u d-9.00pm kif ukoll talbet jekk il-Kunsill jistax ihallasha €50 biex taghmel xi finger foods.

**46/7666/12/I** 30/10/2012 Email minghand Lara Calleja fejn talbet biex il-Kunsill jikkonferma jekk tistax tiftah il-librerija fil-5 ta' Dicembru minflok fis-6 ta' Dicembru sabiex tibda tinforma lin-nies.

**46/7709/12/I** 31/10/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn infurmaw lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 5 ta' Dicembru 2012 ser tkun il-Library day u qed iheggu l-Kunsill jippartecipa billi jiftah il-librerija f'dik il-gurnata.

**46/8110/12/I** 16/11/2012 Email minghand Lara Calejja fejn baghtet kopja t'email li kienet baghtet lill-Kunsilliera Eveyn Vella Brincat dwar il-Jum Nazzjonali ta' Librerija u nfurmat lill-Kunsill li ghada ma rcevietx risposta u ghada ma bditx tirreklama l-attivita'.

**46/8258/12/I** 23/11/2012 Email minghand Lara Calleja fejn baghtet il-poster sabiex jitqassam fid-djar u lista t'affarijiet biex jinxtraw b'konnessjoni ma' Jum il-Libreriji.

**46/7637/12/I** 29/10/2012 Memo 40/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita ta' Librerija lokali.

**46/8185/12/I** 21/11/2012 Email minghand Lara Calleja fejn briferenza ghal Memo 40/2012 baghtet il-lista ta' kotba li qed tissugerixxi li jinxtraw.

**46/8086/12/I** 15/11/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 40/2012 dwar ghajnuna lill-Kunslli Lokali li ghandhom ir-responsabilita' ta' Librerija lokali giet estiza sal-21 ta' Novembru 2012.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7560/12/I, 46/7666/12/I, 46/7709/12/I, 46/8110/12/I, 46/8258/12/I, 46/7637/12/I, 46/8086/12/I u 46/8185/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-attivita', li l-Kunsill jippartecipa fl-iskema tad-Dipartiment u ghalhekk jalloka vot ta' €500.00 biex jinxtraw kotba godda kif ukoll li jipprovdi lill-librara l-ikel u x-xorb biex tkun tista' ssir l-attivita'.

6.47. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7633/12/I** 29/10/2012 Email minghand Malta Kyokushin fejn informaw lill-Kunsill li jixtiequ jilloncjaw l-isport tal-Kyokushin karate f'Malta u qed ifittxu skejjel sabiex juzaw il-gym/sala darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7633/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sinjur ghandu jigu nfurmat li l-Kunsill m'ghandux l-ispazju mitlub u ghandu jigi ssuggerit li jikkomunika mal-Kullegg Santa Klara jew mac-Centru Pastorali Kristu Rxoxt.

6.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7635/12/I** 29/10/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn staqsiet jekk l-invit ghall-inawgurazzjoni tal-post il-gdid ghall-iscouts kienx biss ghas-Sindku u l-mara u talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7635/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7636/12/I** 29/10/2012 Email minghand id-Dipartiment ghal-Gvern Lokali fejn baghtu l-procedura sabiex il-Kunsill jitlob ghad-devoluzzjoni.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7636/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7645/12/O** 29/12/2012 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-Sindku Joe Zammit b'rendikont dwar is-sitwazzjoni tal-progetti Medstrategy u OSDDT.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7645/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7652/12/I** 30/10/2012 Kwotazzjoni minghand il-J&K Contractors Ltd. ghall-bini mill-gdid tal-hajt fi Triq Falaise ghall-prezz ta' €3,204.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7652/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ix-xoghol ghandu jsir ghax il-hajt qed ikompli jiggarraf bicca bicca.

6.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7691/12/I** 31/10/2012 Kwotazzjoni minghand Misprint Promotional Services, ta' €1.08 inkluz il-VAT ghal basktijiet tax-xoqqa.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7691/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kif kien gie deciz fil-laqghat precedenti, din l-istima ghandha tigi accettata u jigu ordnata l-basktijiet tax-xoqqa b'konnessjoni mal-progetti ta' l-EU.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7707/12/O** 31/10/2012 Email li l-Kunsill baghat lis-Sindku b'kopja tal-ligi li qed jirreferi ghalija l-pulizija rigward clamping and removal of motor vehicles.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7707/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7727/12/I** 01/11/2012 Cekk ta' €448 minghand l-Allcare ghall-hsara li saret minn vettura ta' l-Arriva.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7727/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ladarba l-Kunsill ircieva x-xoghol ghandha tinhareg Works Order lill-J&K Contractors biex jirrangaw il-hsara li kienet saret minn Arriva.

6.63. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7743/12/O** 01/11/2012 Email li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talab sabiex il-mailbox tal-Kunsill tizdied b'100MB u dan ghall-prezz ta' €7.67 inkluz l-VAT fis-sena.

6.65. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7743/12/OI** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u ppropona li din tigi ratifikata.

6.66. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7752/12/I** 01/11/2012 Email minghand Nicole Attard fejn informat lill-Kunsill li tixtieq taghmel xoghol volontarju mal-Kunsill ghall-progett tas-Systems of Knowledge u bhala granet tista' l-Erbgha wara s-1.00pm jew nhar ta' Gimgha wara l-4.00pm.

**46/7794/12/I** 02/11/2012 Email minghand Sir Adrian Dingli fejn informaw lill-Kunsill bl-inizjattiva li qed joffru lill-istudenti u talbu lill-Kunsill biex izomm 2 studenti bejn it-3 - 7 ta' Dicembru u bejn l-10 -14 ta' Dicembru 2012 sabiex josservaw ix-xoghol li jsir ġewwa l-Kunsill.

**46/7839/12/I** 05/11/2012 Email minghand Cody Mercieca fejn informa lill-Kunsill li jixtieq jaghmel xoghol volontarju mal-Kunsill ghall-progett tas-Systems of Knowledge u bhala gurnata jista' l-Gimgha minhabba li jispicca kmieni.

6.68. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7752/12/I, 46/7794/12/I u 46/7839/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni li dawn it-talbiet jigu milqugha.

6.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7754/12/I** 01/11/2012 Ittra minghand Vincent Borg fejn talab biex jitnaddfu l-inspection boxes madwar Blokk 10 Triq il-Battalja ta' Malta minhabba li l-ilma tax-xita mad-dawra mhux jaqleb ghal go l-ispralli.

6.71. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7754/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet inkitbet ittra lill-Awtorita’ tad-Djar fuq dan u r-resident offra li jiltaqa’ mal-ufficjali tal-housing biex jurihom.

**46/7786/12/I** 02/11/2012 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informat lill-Kunsill li hawn Kunsilli li mhux jimxu ma' Memo 114/2012 dwar iz-zbir ta' sigar.

6.72. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7786/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.73. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien baghat kopja tal-korrispondenza lill-CM biex jara li l-kuntratturi koncernata qed jaderixxu mar-regolamenti.

**46/7941/12/I** 07/11/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar skartar t'offerti mhux kompluti nforma lill-Kunsill li Segretarju ghandu jipprocedi bil-prassi li jipprepara l-iskeda tal-prezzijiet u decizjoni ta' l-iskartar t'offerti ghandha tittiehed mill-bord u tkun konfermata mil-Kunsill.

6.74. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7941/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7823/12/I** 03/11/2012 Email minghand l-Avukat tal-Kunsill fejn b'riferenza ghal-laqgha li tlabna mieghu rigward it-tender tas-sur Philip Seguna, nforma lill-Kunsill li dwar il-

kwistjoni ta' l-iskips diga wiegeb tlett darbiet u anke ltaqa' mas-Segretarju Ezekuttiv u spjegalu x'soluzzjonijiet ghandu l-Kunsill.

**46/8182/12/O** 21/11/2012 Ittra li l-Kunsill baghat lill-kuntrattur Philip Seguna fejn infurmah li mill-kont li jmiss ser isir tnaqqis b'total ta' € 946.42 minhabba nuqqas ta' skips.

**46/8368/12/I** 28/11/2012 Ittra minghand il-GRTU fejn qed jikteb f'isem is-Sur Philip Seguna fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill ma jatwax id-decizjoni mehuda sabiex isir it-tnaqqis ghall-hlas ta' l-iskips on wheels.

**46/8369/12/I** 28/11/2012 Ittra minghand Gulia Advocates fejn qed tikteb f'isem is-Sur Philip Seguna b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 21 ta' Novembru 2012 u talbu rendikont ta' kif sar it-tnaqqis xahar b'xahar u kif il-Kunsill wasal ghac-cifra.

6.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7823/12/I, 46/8182/12/O, 46/8368/12/I u 46/8369/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ahhar ittri diga ntbaghtu lill-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali tieghu. Il-kelliem ippropona li l-Gulia Advocates ghandhom jigu nfurmata bid-dettalji li talbu.

6.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7841/12/O** 05/11/2012 Email li l-Kunsill baghat lil Zum Coop fejn infurmhom li s'issa ghadu ma sar xejn minn dak diskuss fil-laqgha tas-17 ta' Ottubru fuq il-claim tal-Medstrategy.

6.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7841/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7846/12/I** 05/11/2012 Email minghand l-iskola Primarja fejn b'riferenza ghall-uzu tas-sala ta' l-iskola nformaw lill-Kunsill li m'ghandhomx gurnata vojta.

6.79. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7846/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7893/12/I** 06/11/2012 Email minghand GreenSkip fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill, ikkonfermat li l-prezzijiet tal-bins baqa' l-istess ghall-prezz ta' €179 + VAT.

**46/8134/12/I** 19/11/2012 Email minghand is-Sindku fejn b'riferenza ghall-email li baghtu l-Verdala nforma lill-Kunsill li huwa suggeriment tajjeb li jsir bin biswit iz-zebra crossing u talab sabiex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

6.80. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7893/12/I u 46/8134/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex jehel bin ukoll fejn l-istage ta’ l-ITS apparti dawk decizi aktar qabel fil-laqgha.

6.81. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7914/12/I** 07/11/2012 Email minghand il-Verdala International School fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret nforma lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni li l-arblu ta' l-injam li hemm fi Triq Mitrovich jigi trasferit wara fence ta' l-iskola u talab sabiex il-Kunsill jikkuntatja lill-GO u jinfurmhom meta jkunu sejrin u talab ukoll kopja tal-minuti.

**46/8122/12/I** 17/11/2012 Email minghand l-iskola tal-Verdala fejn talbu biex jitwahhal litter bin fejn il-Palm House.

6.83. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7914/12/I, 46/8122/12/I u 46/8134/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li dawn kienu diga diskussa aktar qabel.

**46/7956/12/I** 08/11/2012 Emil minghand Transport Malta fejn talbu sabiex il-Kunsill jinghata ritratti tas-sit u l-wiesa' ta' triq ghat-talbiet li ghamel il-Kunsill fuq Triq San Gorg Preca u Wesghet ix-Xelter.

6.84. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7956/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.85. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa diga kien ha ritratti tal-karozzi pparkjati.

6.86. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li jittiehdu l-qisien tas-sit biex jintbaghtu lill-TM.

**46/7960/12/O** 08/11/2012 Email li l-Kunsill baghat lis-Sindku fejn b'riferenza ghall-email tad-dipartiment dwar Memo 7/2010 dwar l-iskema t'accessibilita' nfurmah li jekk il-Kunsill mhux ser ikollu d-dokumenti tal-Perit dwar ix-xoghol fil-gonna il-Kunsill b'ebda mod m'huwa ser ikun jista' jaghmel dan ix-xoghol.

6.87. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7960/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.88. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din l-iskema ser taghlaq f’Dicembru 2012 fejn il-Kunsill irid ikun issottometta d-dokumenti ta’ l-offerti, ritratti tax-xoghol. Kopja tal-hlas u kopja ta’ l-ircevuti fiskali, xi haga li qal fl-opinjoni tieghu hija ftit impossibbli l’issir.

6.89. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat li l-Perit kien qed jiffinalizza d-dokument tat-tender u s-sejha pubblika ghandha tohrog fil-futur qarib.

6.90. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.92. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li ma jafx kemm huwa ghaqli li l-Kunsill johrog dan it-tender meta ghad hemm Appell quddiem il-Qorti ta’ Malta mill-kuntrattur li ma kienx ha l-offerta.

6.93. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jitlob il-parir ta’ l-avukat tal-Kunsill dwar dan.

**46/7962/12I** 08/11/2012 Email minghand il-Medstrategy fejn baghtu l-brochure tal-progett ghall-ahhar konferenza.

**46/8237/12/I** 22/11/2012 Kwotazzjoni minghand l-Abbey ghar-rikjesta tal-Kunsill rigward posters A3 u A4 u booklets ghall-Medstrategy bil-prezz ta’ € 1,029.00 inc. VAT (1,100 booklet A5) u €45.00 inc VAT (60 poster A3) u €15.75 inc. Vat (20 flyer A4).

6.94. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7962/12/I u 46/8237/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni li tinghata din id-direct order minhabba li x-xoghol kellu jitlesta sa l-ahhar ta’ Novembru 2012, id-data li jispicca l-progett Medstrategy.

6.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7965/12/I** 09/11/2012 Kwotazzjoni minghand Zamco ghal folded towels.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7965/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri provvista ta' folded towels kif gara fil-passat.

6.98. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7967/12/I** 09/11/2012 Email minghand il-MITA fejn informaw lill-Kunsill li ma jistax ikollu Skype fuq network tal-gvern minhabba li jridu jinfethu xi ports mill-internet izda l-Kunsill jista' jipprova japplika ghall-ezentazzjoni basta jkun hemm kawza gustifikata u jrid ikun fuq internet iehor li mhux tal-Gvern.

6.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7967/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8014/12/I** 10/11/2012 Email minghand is-Sindku fejn b'riferenza ghall-email li baghat is-Sur Franco Farrugia nforma lill-Kunsill li huwa jaqbel maz-zewg progetti taz-zghazagh proposti u talab biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill biex jiltaqghu mal-Kunsill taz-Zghazagh.

**46/8058/12/I** 14/11/2012 Email minghand l-Agenzija Zghazagh fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill ghall-Kunsill taz-Zghazagh informat lill-Kunsill li b'dispjacir ma sabux ammont ta' zghazagh biex jiedu sehem.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8014/12/I u 46/8058/12/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fis-sena 2013 mhux ser ikun hemm Kunsill taz-Zghazagh skond kif gie nfurmat il-Kunsill mill-Agenzija Zghazagh minhabba li ma kienx hemm rispons miz-zghazagh.

6.102. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sur Farrugia ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill taz-Zghazagh mhux ser ikun jiffunzjona s-sena li gejja u ghalhekk it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

6.103. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8038/12/I** 13/11/2012 Email minghand il-YWCA fejn informat lill-Kunsill li minn l-ahhar laqgha li saret ma rcievew l-ebda korrispondenza u staqsiet ghala ma rcievewx il-minuti tal-laqgha li kienet saret u jekk ittiehdux xi decizjonijiet mill-Kunsill jew MRRA.

**46/8040/12/I** 13/11/2012 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn staqsiet ghala ma ntbaghtux il-minuti tal-laqgha li kienet saret mal-YWCA u talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill sabiex jigi ccarat darba ghal dejjem dak li kien imwieghed lilhom u jinbeda x-xoghol.

6.105. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8038/12/I u 46/8040/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li mill-korrispondenzi l'intbghatu jidher li kien jonqos informazzjoni minnaha tal-Ministeru (Glenn Bugeja 34U) biex tinghata lill-Perit u li l-Kunsill diga approva proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex isir rapport mill-Perit fuq dan is-sit.

**46/8056/12/I** 14/11/2012 Email minghand il-Luxol fejn b'riferenza ghat-tornament tal-futbol informa lill-Kunsill li t-tornament ser jibda fit-23 ta' Dicembru jieqfu bejn l-24 u l-25 u jerga' jitkompla bejn is-26 u 30 ta' Dicembru. L-ispejjez ghar-referees

huwa ta' €1,364.

**46/8188/12/I** 21/11/2012 Email minghand il-Luxol fejn baghtu lista dettaljata tal-players li ser jiehdu sehem fit-tornament tal-Milied u talbu lis-Sindku jaghmel artiklu ghal fuq il-brochure.

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8056/12/I u 46/8188/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru hemm laqgha mad-dirigenti ta' Luxol FC dwar it-tornament. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill li fil-jiem li gejja ghandhom jinhargu l-Works Orders relatata mar-referees u l-mementos.

**46/8078/12/I** 15/11/2012 Email minghand Dun Rene' Vella fejn b'riferenza ghall-uzu tas-sala nforma l-Kunsill li l-granet disponibbli huma l-Erbgha 28 ta' Novembru, 5 u 12 ta' Dicembru u talab mizata ta' €100 ghat-tlett laqghat.

6.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8078/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8080/12/I** 15/11/2012 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn baghtu twegiba ghad-diversi punti li l-Kunsill baghat dwar Sit A u l-madwar.

6.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8080/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din l-ittra ser tintbaghat lir-residenti koncernata.

**46/8137/12/I** 19/11/2012 Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat draft BOQ fuq iz-zewg gonna.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8137/12/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-BOQ kellhom jigu emendata mill-Perit kif ukoll li d-dokument ta' l-offerti kien ghadu ma giex sottomess mill-Perit u ghalhekk ghad ma jistghux jinhargu l-offerti.

**46/8194/12/I** 21/11/2012 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar rampi tal-garaxxijiet informat lill-Kunsill li taht l-motor vehicles regulations m'hemm imkien riferenza ghar-rampi u ghalhekk huma permessi sakemm ma jkunux t'ostaklu ghall-passigiera.

6.110. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8194/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8209/12/I** 21/11/2012 Memo 45/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Skema ta' finanzjament ta' Inizjattivi Specjali 2013 li taghlaq il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2012.

6.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8209/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa.

6.112. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8229/12/I** 22/11/2012 Email minghand Kunsilli fejn informaw lill-Kunsilli bil-Party tal-Milied ta' l-istaff li ser isir fl-20 ta' Dicembru gewwa The Palace u baghtu ukoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

6.114. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8229/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8246/12/I** 22/11/2012 Email minghand il-Malta Victim Support fejn talbu sabiex issir laqgha mal-Kunsill fit-3 ta' Dicembru sabiex jigi spjegat progett gdid rigward abbuz fuq l-anzjani.

6.115. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8246/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l'issir laqgha ma' din l-ghaqda f'data ohra.

6.116. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.117. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8273/12/I** 23/11/2012 Memo 49/2012 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013 sat-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012.

6.118. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8273/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ma hemmx zmien ghaliha.

6.119. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.120. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8313/12/I** 26/11/2012 Email minghand l-ECAD fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ta' l-Advisory ser issir fit-22 ta' Frar 2012 gewwa Stockholm.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8313/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

## 14. Materji ohra.

14.47. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.50pm, wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm, kif ukoll/jew sakemm ma jitlobx ghal xi laqgha urgenti jekk tinhass il-htiega.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***